



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

12631/23

LIMITE

CORLX 840
CFSP/PESC 1200
COARM 231

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tas-Segretarjat tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet
tas-Segretarjat tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi b'appoġġ
għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi (TKA) ġie adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fit-2 ta' April 2013 u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma Stati Parti għat-TKA (l-“Istati Parti”).
- (2) It-TKA għandu l-għan li jstabilixxi l-oġġla standards internazzjonali komuni possibbli biex jirregolaw jew itejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerç legali tal-armi konvenzjonali u li jipprevjeni u jeqred il-kummerç illeċitu tal-armi konvenzjonali u jipprevjeni d-devjazzjoni tagħhom. L-isfidi prinċipali huma l-implimentazzjoni effettiva tiegħu mill-Istati Parti u l-universalizzazzjoni tiegħu, filwaqt li jinżamm preżenti li r-regolamentazzjoni tal-kummerç internazzjonali tal-armi hija essenzjalment sforz globali. Biex jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawk l-isfidi, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/768/PESK¹, u b'hekk kabbar il-portafoll ta' assistenza relatata mal-kontroll tal-esportazzjoni tal-Unjoni b'attivitajiet speċifiċi għat-TKA. Dik id-Deċiżjoni kienet segwita mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2017/915² u (PESK) 2021/2309³ dwar attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-TKA.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 38).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2309 tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerç tal-Armi (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 78).

- (3) It-TKA stabbilixxa segretarjat (“is-Segretarjat tat-TKA”) biex jassisti lill-Istati Parti fl-implimentazzjoni effettiva tat-TKA. Is-Segretarjat tat-TKA jirċievi, jagħmel disponibbli u jqassam ir-rapporti skont il-mandat tat-TKA; iżomm il-lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali aġġornata u jagħmilha disponibbli lill-Istati Parti; jiffaċilita t-tqabbil tal-offerti ta' assistenza u t-talbiet għall-assistenza għall-implimentazzjoni tal-TKA u jipromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali kif mitlub; jiffaċilita l-ħidma tal-Konferenza tal-Istati Parti, inkluż it-twettiq ta' arranġamenti u l-ġoti tas-servizzi neċessarji għal-laqgħat skont - it-TKA; u jwettaq dmirijiet oħra kif deċiżi mill-Konferenzi tal-Istati Parti. Is-Segretarjat tat-TKA jamministra wkoll il-Fond Fiduċjarju Volontarju, li ġie stabbilit mill-Istati Parti skont l-Artikolu 16(3) tat-TKA biex jassisti lill-Istati Parti li jkunu jeħtieġu assistenza internazzjonali biex jimplimentaw l-it-TKA , u l-Programm ta' Sponsorizzazzjoni tat-TKA, li ġie stabbilit biex jiffaċilita l-parteciċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati fil-laqgħat tat-TKA.
- (4) Fl-Istrateġija Globali għall-Politika Eстера u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-2022, l-Unjoni intrabtet li tippromwovi ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u n-NU fil-qalba tagħha. L-Unjoni tappoġġa bis-sħiħ is-sħubija li qed tikber, l-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar ta' trattati multilaterali għad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, inkluż it-TKA. Fil-kuntest ta' dawk l-għanijiet ta' politika ġenerali, l-appoġġ għas-Segretarjat tat-TKA jaqbel sew mal-għan speċifiku tat-tisħiħ tas-sistema multilaterali li tirded kummerċ responsabbli ta' armi.

- (5) Is-Segretarjat tat-TKA jinsab f'pożizzjoni tajba biex jikkomunika mal-partijiet ikkonċernati multilaterali, reġjonali, nazzjonali u tas-soċjetà ċivili kollha li jwettqu proġetti b'appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-TKA. L-Unjoni ilha ħafna wkoll tipprovdi assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp ta' oqfsa legali u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni fuq oġġetti b'użu doppju u oġġetti militari. Is-Segretarjat tat-TKA jenħtieġ li jiżgura li l-proġetti tiegħu jikkumplimentaw il-programmi eżistenti tal-Unjoni ta' assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju u ta' armi, bħall-programm imsemmi fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/2309.
- (6) Fis-16 ta' April 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/649¹ dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tas-Segretarjat tat-TKA b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-TKA. Skont dik id-Deċiżjoni, l-Unjoni tipprovdi appoġġ : għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tat-TKA; għall-istabbiliment ta' roster ta' esperti (inħarrġu lil min iħarreġ) biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-esperti lokali u reġjonali tat-TKA biex jagħtu pariri u taħriġ dwar l-implimentazzjoni tat-TKA fil-livelli lokali u reġjonali; u għal bażi tad-data biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u r-riżorsi għall-assistenza fl-implimentazzjoni tat-TKA.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/649 tas-16 ta' April 2021 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tas-Segretarjat tat-TKA b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 133, 20.4.2021, p. 59).

- (7) Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/649 ser tiskadi fl-20 ta' Ottubru 2023, u b'kont meħud tas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli persistenti tat-TKA li tirriżulta mill-arretrati fil-kontribuzzjonijiet għat-TKA li għadd ta' Stati Parti għad għandhom, huwa importanti li jitkompla l-appoġġ tal-Unjoni. Tali appoġġ jenħtieġ li jiffoka fuq: it-taħriġ għall-esperti nazzjonali u reġjonali li jistgħu jipprovdu taħriġ u assistenza ta' implimentazzjoni ta' kwalità għall-Istati Parti, inkluż dwar il-proġetti tal-Fond Fiduċjarju Volontarju; u dwar it-titjib tat-twettiq tal-obbligi ta' rappurtar tat-TKA mill-Istati Parti, inkluż biż-żieda tar-rata ta' preżentazzjoni tar-rapporti annwali u inizjali tat-TKA. Barra minn hekk, il-bażi tad-data biex jitqabblu l-ħtiġijiet u r-riżorsi ser teħtieġ appoġġ għall-manutenzjoni tagħha mis-Segretarjat tat-TKA wara t-tnedija tagħha li hi skedata għall-2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerè tal-Armi (TKA), l-Unjoni għandha tappoġġa lis-Segretarjat tat-TKA fit-tweqqi ta' attivitajiet bl-objettivi li ġejjin:
 - l-appoġġ lill-Istati Parti għat-TKA (Stati Parti') fit-tisħiħ tas-sistemi tagħhom ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi għall-implimentazzjoni effettiva tat-TKA;
 - it-tisħiħ tal-istruttura istituzzjonali tas-Segretarjat tat-TKA bħala l-korp prinċipali biex jassisti lill-Istati Parti fl-implimentazzjoni tat-TKA.

2. Sabiex jinkisbu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet proġettwali li ġejjin:
 - (a) it-taħriġ għal esperti nazzjonali u reġjonali tat-TKA biex jipprovdu appoġġ lill-Istati Parti fl-implimentazzjoni tat-TKA fil-livell nazzjonali;
 - (b) it-tisħiħ tal-fehim tal-Istati Parti tal-obbligi ta' rappurtar tat-TKA u l-kapaċità li jissodisfaw tali obbligi, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' dokument ta' gwida volontarju u materjali ta' taħriġ, workshops prattiċi, u l-koordinazzjoni ta' assistenza internazzjonali oħra;

- (c) il-manutenzjoni tal-bażi tad-data għat-tqabbil tal-offerti u t-talbiet għal assistenza biex jiġi implimentat it-TKA.

Fl-Anness tinsab deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet ta' proġetti imsemmija f'dan il-paragrafu.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha ssir mis-Segretarjat tat-TKA.
3. Is-Segretarjat tat-TKA għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti neċessarji mas-Segretarjat tat-TKA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 1 298 000,00.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tal-ammont ta' referenza finanzjarja msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mas-Segretarjat tat-TKA. Il-ftehim għandu jistipula li s-Segretarjat tat-TKA għandu jżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt għad-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' rapporti regolari mħejjija mis-Segretarjat tat-TKA. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3), jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk dak il-ftehim ma jkunx ġie konkluż f'dak il-perjodu.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

[...]

